BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA







# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

# L-EUROSISTEMA

# IS-SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI








# WERREJ




| | | |
|---|---|---|
| **Kelmtejn ta' Qabel mill-President tal-Bank Ċentrali Ewropew** | | **3** |
| **1** | **It-triq li twassal għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja** | **4** |
| 1.1 | Integrazzjoni Ewropea | 4 |
| 1.2 | Integrazzjoni ekonomika | 5 |
| 1.3 | Kriterji ta' konverġenza | 6 |
| 1.4 | Karatteristiċi ewlenin taż-żona tal-euro | 7 |
| 1.5 | Benefiċċji tal-euro | 8 |
| **Ġrajjiet importanti** | | **10** |
| **2** | **Struttura u dmirijiet** | **12** |
| 2.1 | Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Eurosistema | 12 |
| 2.2 | Bank Ċentrali Ewropew | 12 |
| 2.3 | Dmirijiet tal-Eurosistema | 13 |
| 2.4 | Indipendenza | 14 |
| 2.5 | Banek ċentrali nazzjonali | 16 |
| 2.6 | Korpi deċiżjonali tal-BĊE | 17 |
| 2.7 | Kumitati tas-SEBĊ | 19 |
| **3** | **Politika monetarja** | **20** |
| 3.1 | Stabbiltà tal-prezzijiet | 20 |
| 3.2 | Strateġija tal-politika monetarja tal-BĊE | 20 |
| 3.3 | Strumenti tal-politika monetarja | 21 |
| 3.4 | Komunikazzjoni | 23 |
| 3.5 | Statistika monetarja u finanzjarja | 24 |
| **4** | **Is-Sistema TARGET2** | **26** |
| **5** | **Karti tal-flus u muniti tal-euro** | **28** |
| 5.1 | Karti tal-flus | 28 |
| 5.2 | Muniti | 29 |
| **6** | **Sorveljanza bankarja** | **30** |
| **Glossarju** | | **32** |

# KELMTEJN TA' QABEL



Meta ngħidu "bank ċentrali", x'aktarx li l-ewwel ħaġa li tiġi f'moħħna hi li din hi istituzzjoni li toħroġ il-flus. U l-flus huma l-istrument li nużaw bħala unità ta' kejl f'kont, bħala mezz ta' ħlas u bħala maħżen ta' valur. Tabilħaqq, l-iżjed għan importanti ta' kwalunkwe bank ċentrali hu li jiżgura li jinżamm il-valur tal-flus tul medda ta' żmien. Iżda hemm aspetti oħra ta' bank ċentrali modern li huma inqas magħrufa. Wieħed minnhom hu l-komunikazzjoni. Bank ċentrali m'għandux biss jagħmel dak li jgħid li jagħmel, iżda għandu wkoll ifisser x'inhu jagħmel, u b'hekk il-pubbliku jsir iżjed konxju u jsir jaf iżjed dwar il-politika u s-servizzi pprovduti.

Dan il-ktejjeb hu parti mill-komunikazzjoni tagħna dwar l-attivitajiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li jinsab fil-qalba tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Billi mhux l-Istati Membri kollha adottaw l-euro bħala l-munita tagħhom, it-terminu Eurosistema jintuża biex jiddeskrivi l-entità magħmula mill-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li adottaw l-euro, li bħalissa huma 17. Il-biċċa l-kbira tad-dmirijiet assenjati lis-SEBĊ permezz tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea huma amministrati mill-Eurosistema.

Dan il-ktejjeb hu disponibbli wkoll fil-websajt tal-BĊE (www.ecb.europa.eu). Il-verżjoni elettronika se tiġi aġġornata iżjed spiss mill-verżjoni stampata.

Nispera li tieħu gost taqra dan il-ktejjeb, kemm fil-forma stampata kif ukoll fil-forma elettronika.

Frankfurt am Main, Jannar 2011

Jean-Claude Trichet
President tal-Bank Ċentrali Ewropew

# IT-TRIQ LI TWASSAL GĦALL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA



## INTEGRAZZJONI EWROPEA

L-idea biex tiġi stabbilita unjoni ekonomika u monetarja fl-Ewropa tmur lura aktar minn ħamsin sena. Kienet viżjoni tal-mexxejja politiċi li, fl-1952, waqqfu l-**Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA)**, li kienet magħmula minn sitt pajjiżi – il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Olanda.

**Tkabbir gradwali tal-Unjoni Ewropea**

Fis-snin 50 u iżjed tard ittieħdu passi oħra favur l-integrazzjoni Ewropea. L-istess sitt pajjiżi waqqfu l-**Komunità Ekonomika Ewropea (KEE)** u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (EURATOM) fl-1958. Matul is-snin, dan in-netwerk ta' relazzjonijiet issaħħaħ u tqawwa, u sar il-Komunitajiet Ewropej (KE) u mbagħad, meta ġie adottat it-Trattat ta' Maastricht fl-1993, l-Unjoni Ewropea (UE). L-għadd ta' pajjiżi membri żdied ukoll. Id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit issieħbu fl-1973, u tmien snin wara issieħbet il-Greċja. Il-Portugall u Spanja saru membri fl-1986; l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja issieħbu fl-1995. It-tkabbir kompla fl-1 ta' Mejju 2004, meta r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ssieħbu mal-Unjoni Ewropea. Il-Bulgarija u r-Rumanija huma l-iżjed membri ġodda; huma ssieħbu fl-1 ta' Jannar 2007.

**Kriterji għas-sħubija fl-UE**

Il-kondizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti qabel ma pajjiż jissieħeb mal-UE huma l-**kriterji ta' Kopenħagen**. Dawn jesiġu li l-membri prospettivi (i) jkollhom istituzzjonijiet stabbli li jiggarantixxu d-demokrazija, il-ħarsien tal-liġi, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett lejn, u l-protezzjoni tal-minoranzi, u (ii) ikollhom ekonomija tas-suq li tiffunzjona kif ukoll il-kapaċità li jlaħħqu mal-pressjoni kompetittiva, biex ikunu jistgħu jieħdu fuqhom l-obbligi tas-sħubija, inklużi l-għanijiet ta' unjoni politika, ekonomika u monetarja.



ara l-Glossarju

1 It-triq li twassal għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja
1.1 Integrazzjoni Ewropea
1.2 Integrazzjoni ekonomika
1.3 Kriterji ta' konverġenza
1.4 Karatteristiċi ewlenin taż-żona tal-euro
1.5 Benefiċċji tal-euro
Ġrajjiet importanti
2 Struttura u dmirijiet
3 Politika monetarja
4 IS-SISTEMA TARGET2
5 Karti tal-flus u muniti tal-euro
6 Sorveljanza bankarja



## 1.2 INTEGRAZZJONI EKONOMIKA

L-ewwel tentattiv biex tinħoloq unjoni ekonomika u monetarja ġie mfisser fil-Werner Report[1] tal-1970, li ppreveda tliet stadji li kellhom jitlestew sal-1980. Madankollu, dawn l-ewwel pjanijiet għal unjoni ekonomika u monetarja qatt ma seħħew qalb it-taqlib monetarju internazzjonali kbir wara l-kollass tas-sistema Bretton Woods fil-bidu tas-snin 70, u r-reċessjoni internazzjonali wara l-ewwel kriżi taż-żejt fl-1973.

Biex jilqgħu għal din l-instabbiltà, fl-1979 id-disa' Stati li dak iż-żmien kienu Membri tal-KEE waqqfu s-**Sistema Monetarja Ewropea (SME)**. Il-karatteristika ewlenija ta' din is-Sistema kienet dik tal-**mekkaniżmu tar-rati tal-kambju (ERM)**, li bejn il-muniti tad-disa' pajjiżi daħħlet rati tal-kambju fissi iżda li setgħu jiġu aġġustati.

t-Trattat ta' Maastricht iffirmat fl-1992

Fit-tieni nofs tas-snin 80 reġgħet tqajmet l-idea ta' unjoni ekonomika u monetarja fl-Att Uniku Ewropew tal-1986, li waqqaf suq uniku. Iżda nstab li l-benefiċċji sħaħ ta' suq uniku setgħu jintlaħqu biss bl-introduzzjoni ta' munita unika għall-pajjiżi parteċipanti. Fl-1988 il-**Kunsill Ewropew** ordna lill-**Kumitat Delors** biex jeżamina kif setgħet titwettaq **Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM)**. Ir-Rapport Delors tal-1989 wassal għan-negozjati għat-**Trattat** dwar l-Unjoni Ewropea, li stabbilixxa l-Unjoni Ewropea (UE) u emenda t-Trattat li stabbilixxa l-Komunità Ewropea. Dan ġie ffirmat f'Maastricht fi Frar tal-1992 (għalhekk kultant jissejjaħ it-Trattat ta' Maastricht) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1993.

Tliet stadji għall-UEM:
I. Suq Ewropew Uniku
II. Istitut Monetarju Ewropew
III. Il-BĊE u l-euro

Il-progress lejn l-UEM fl-Ewropa twettaq fi tliet stadji. Il-karatteristika prinċipali tal-ewwel stadju (1990-1993) kienet il-kisba sħiħa ta' suq Ewropew uniku permezz tat-tneħħija tal-barrieri interni kollha li setgħu ixekklu l-moviment ħieles tal-persuni, prodotti, kapital u servizzi ġewwa l-Ewropa.

It-Tieni Stadju (1994-1998) beda bit-twaqqif tal-**Istitut Monetarju Ewropew**, u kien iddedikat għat-tħejjijiet tekniċi għall-munita unika, l-evitar ta' defiċits eċċessivi, u t-tisħiħ tal-konverġenza tal-politika ekonomika u monetarja tal-Istati Membri (biex jiġu żgurati l-istabbiltà tal-prezzijiet u finanzi pubbliċi sodi). It-Tielet Stadju beda fl-1 ta' Jannar 1999 bl-iffissar irrevokabbli tar-rati tal-kambju, it-trasferiment tal-kompetenza tal-politika monetarja lill-BĊE u l-introduzzjoni

[1] Imsemmi għal Pierre Werner, li dak iż-żmien kien il-Prim Ministru tal-Lussemburgu.

# IT-TRIQ LI TWASSAL GĦALL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA




tal-euro bħala l-munita unika. Fl-1 ta' Jannar 2002 il-karti u l-muniti tal-euro saru valuta legali fil-pajjiżi parteċipanti u sal-aħħar ta' Frar tal-2002 il-karti tal-flus u l-muniti nazzjonali ma baqgħux valuta legali.

## 1.3 KRITERJI TA' KONVERĠENZA

**Politika ekonomika orjentata lejn l-istabbiltà u bank ċentrali indipendenti**

Il-pajjiżi li jixtiequ jadottaw l-euro bħala l-munita tagħhom għandhom jilħqu livell għoli ta' "konverġenza sostenibbli". Il-livell ta' konverġenza jiġi stmat abbażi ta' ħafna kriterji li jinsabu fit-Trattat ta' Maastricht, li jesiġu li pajjiż ikollu:

- livell għoli ta' **stabbiltà tal-prezzijiet**
- finanzi pubbliċi sodi
- rata tal-kambju stabbli
- rati ta' mgħax baxxi u stabbli fuq żmien twil.

Il-kriterji huma mfassla biex jiżguraw li jiddaħħlu fit-Tielet Stadju tal-UEM dawk il-pajjiżi biss li jkollhom politika ekonomika orjentata lejn l-istabbiltà u rekord ta' stabbiltà tal-prezzijiet fuq tul ta' żmien. It-Trattat jesiġi wkoll li l-bank ċentrali tal-pajjiż rispettiv ikun indipendenti (ara l-Artikolu 108 tat-Trattat).

**16-il Stat Membru adottaw l-euro**

F'Mejju tal-1998, laqgħa għolja ta' l-UE fi Brussell ikkonfermat li 11 mill-15-il Stat Membru ta' dak iż-żmien – il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall u l-Finlandja – kienu ssoddisfaw il-kriterji għall-adozzjoni tal-munita unika. Fl-1 ta' Jannar 1999 dawn il-pajjiżi adottaw l-euro bħala l-munita komuni tagħhom. Il-Greċja ngħaqdet ma' dan il-grupp ta' pajjiżi fl-1 ta' Jannar 2001 wara li ssoddisfat il-kriterji. Minn dak iż-żmien, Stati Membri oħra ssodisfaw il-kriterji tal-konverġenza u ssieħbu fiż-żona tal-euro - is-Slovenja fl-1 ta' Jannar 2007, Ċipru u Malta fl-1 ta' Jannar 2008, is-Slovakja fl-1 ta' Jannar 2009 u l-Estonja fl-1 ta' Jannar 2011. Stat Membru wieħed, l-Isvezja, ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha. Barra dan, id-Danimarka u r-Renju Unit huma "Stati Membri bi status speċjali". Fi protokolli annessi mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, iż-żewġ pajjiżi ġew mogħtija d-dritt li jagħżlu jekk iridux jipparteċipaw fit-Tielet Stadju tal-UEM jew le, jiġifieri biex jadottaw l-euro. It-tnejn użaw din l-hekk imsejħa "klawżola tal-għażla" billi avżaw lill-**Kunsill**

ara l-Glossarju



**tal-UE** li għalissa mhux bi ħsiebhom jidħlu fit-Tielet Stadju, jiġifieri għalissa ma jixtiequx jidħlu fiż-żona tal-euro.

L-Isvezja, kif ukoll 7 mit-12-il pajjiż li ssieħbu mill-2004 'l hawn huma membri b'"deroga" minħabba li għadhom ma laħqux ir-rekwiżiti kollha biex jadottaw l-euro. Pajjiż li jkollu **deroga** hu Stat Membru li hu eżentat minn uħud mid-dispożizzjonijiet, iżda mhux minn kull dispożizzjoni, li s-soltu japplikaw mill-bidu tat-Tielet Stadju tal-UEM. Dan jinkludi d-dispożizzjonijiet kollha li jittrasferixxu r-responsabbiltà għall-politika monetarja lill-**Kunsill Governattiv** tal-BĊE.

**Żewġ Stati Membri għandhom "il-klawżola tal-għażla"**

Bħall-Isvezja, l-Istati Membri l-oħra tal-UE li għadhom m'adottawx l-euro, m'għandhom l-ebda "klawżola tal-għażla", bħal dawk innegozjati mir-Renju Unit u d-Danimarka.

**Stati Membri ġodda tal-UE ntrabtu li fl-aħħar mill-aħħar jadottaw l-euro**

Dan ifisser li, bis-sħubija fl-UE, l-Istati membri l-ġodda jintrabtu li fl-aħħar mill-aħħar jadottaw l-euro meta jissodisfaw il-**kriterji ta' konverġenza**. Il-BĊE u l-**Kummissjoni Ewropea** jħejju rapporti kull sentejn – jew fuq it-talba ta' Stat Membru li għandu deroga – dwar il-progress li jkun sar biex jiġu sodisfatti l-kriterji ta' konverġenza. Dawn ir-rapporti dwar il-konverġenza jikkunsidraw fatturi oħra li jistgħu jinfluwenzaw l-integrazzjoni tal-pajjiż fl-ekonomija taż-żona tal-euro. Ir-rapporti jipprovdu bażi għad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE dwar jekk pajjiż ġdid għandux jitħalla jingħaqad maż-żona tal-euro.

## 1.4 KARATTERISTIĊI EWLENIN TAŻ-ŻONA TAL-EURO

Il-pajjiżi individwali li issa jiffurmaw iż-żona tal-euro kienu ekonomiji relattivament miftuħa qabel ma ssieħbu maż-żona tal-euro. Madankollu, issa huma parti minn ekonomija ikbar, u waħda li hi ħafna iżjed indipendenti. Minħabba d-daqs tagħha, iż-żona tal-euro tista' titqabbel ma' ekonomiji kbar bħal dawk tal-Istati Uniti u l-Ġappun.

# IT-TRIQ LI TWASSAL GĦALL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA




**Waħda mill-ikbar ekonomiji tad-dinja**

Iż-żona tal-euro hi waħda mill-ikbar ekonomiji tad-dinja; fl-2009 kellha popolazzjoni ta' 329-il miljun ruħ. L-Unjoni Ewropea kollha għandha 27 Stat Membru u popolazzjoni ta' 501 miljun ruħ fl-2009. Meta nqabbluhom, l-Istati Uniti u l-Ġappun għandhom 307 u 128 miljun abitant rispettivament.

F'termini ta' **prodott domestiku gross (PDG)** ▤ definit f'termini ta' **parità tal-poter tal-akkwist** ▤, l-Istati Uniti kienu l-ikbar ekonomija fl-2009, b'20.5% tal-PDG dinji; u warajhom kien hemm iż-żona tal-euro b'15.2%. Is-sehem tal-Ġappun kien ta' 6.0%. L-ishma tal-pajjiżi individwali taż-żona tal-euro huma ħafna iżgħar: fl-2009 l-ikbar wieħed kellu sehem ta' 3.9% tal-PDG dinji.

**Dipendenza limitata fuq il-kummerċ barrani**

Għalkemm iż-żona tal-euro tista' tiġi affettwata b'mod sinifikanti mill-iżviluppi fl-ekonomija globali, il-fatt li ż-żona tal-euro għandha ekonomija inqas miftuħa jfisser li ċaqliq fil-prezzijiet ta' prodotti barranin ikollu biss impatt limitat fuq il-prezzijiet domestiċi. Madankollu, hi iżjed miftuħa kemm minn dik tal-Istati Uniti kif ukoll minn dik tal-Ġappun. Fl-2009 l-esportazzjoni ta' prodotti u servizzi taż-żona tal-euro bħala sehem tal-PDG kienet ogħla ħafna (19,6%) miċ-ċifri korrispondenti għall-Istati Uniti (10.9%) u għall-Ġappun (13.3%).

## 1.5 BENEFIĊĊJI TAL-EURO

**Suq uniku veru għall-prodotti u s-servizzi**

Bit-twaqqif tal-**Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM)** ▤ l-UE għamlet pass importanti għat-tkomplija tas-suq intern. Il-konsumaturi u d-ditti issa jistgħu faċilment iqabblu l-prezzijiet u jsibu l-iżjed fornituri kompettittivi fiż-żona tal-euro. Barra dan, l-UEM qed tipprovdi ambjent ta' stabbiltà ekonomika u monetarja fl-Ewropa kollha li jiffavorixxi t-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi; u l-munita unika warrbet it-tfixkil ikkawżat miċ-ċaqliq qawwi fir-rati tal-kambju tal-muniti nazzjonali ta' qabel.

Is-safar ġewwa ż-żona tal-euro sar iżjed sempliċi permezz tal-introduzzjoni, fl-1 ta' Jannar 2002, tal-karti u l-muniti tal-euro. Il-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi jistgħu jitqabblu f'daqqa t'għajn u l-ħlas jista' jsir bl-istess munita fil-pajjiżi kollha.

▤ ara l-Glossarju



## Riskji tal-kambju barrani u spejjeż ta' transazzjonijiet eliminati

Bil-ħolqien tal-euro, l-ispejjeż u r-riskji marbuta mat-transazzjonijiet tal-kambju fiż-żona tal-euro ġew eliminati. Fl-imgħoddi, dawn l-ispejjeż u riskji xekklu l-kompetizzjoni bejn il-pajjiżi. Permezz taż-żieda fil-kompetizzjoni, ir-riżorsi disponibbli x'aktarx li jintużaw bl-iżjed mod effiċjenti. B'munita unika, id-deċiżjonijiet dwar l-investiment huma iżjed faċli, billi ċ-ċaqliq fir-rata tal-kambju ma jistax jibqa' jinfluwenza l-qligħ mill-investiment transkonfini ġewwa ż-żona tal-euro.

## Integrazzjoni tas-swieq finanzjarji

Qabel l-introduzzjoni tal-euro, normalment is-swieq finanzjarji kienu nazzjonali. L-istrumenti finanzjarji, bħal bonds tal-gvern u isħma, kienu denominati fil-munita nazzjonali. L-introduzzjoni tal-euro kien pass kbir 'il quddiem lejn l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji fiż-żona tal-euro. Dan se jibqa' jinfluwenza l-istruttura tal-ekonomija taż-żona tal-euro. Provi ta' integrazzjoni jinsabu, f'livelli differenti, fil-partijiet kollha tal-istruttura finanzjarja:

- Is-**suq interbankarju tal-flus** fiż-żona tal-euro hu integrat għal kollox.
- Is-**suq tal-bonds** denominati f'euro hu integrat sew, profond u likwidu, u jipprovdi għażla wiesgħa ta' investimenti u fondi.
- Is-**suq tal-ishma** taż-żona tal-euro qed jiġi kkunsidrat dejjem iżjed bħala suq uniku.
- L-inkorporazzjonijiet u akkwisti ta' kumpaniji kemm domestiċi kif ukoll transkonfini żdiedu fost il-banek taż-żona tal-euro.

Il-profondità u l-kwalità ta' suq finanzjarju integrat jgħinu l-iffinanzjar ta' tkabbir ekonomiku u permezz ta' dan, il-ħolqien tal-impjiegi. Il-pubbliku għandu għażla iżjed wiesgħa għad-deċiżjonijiet tiegħu dwar it-tifdil u l-investimenti. Il-kumpaniji jistgħu jibbenefikaw minn suq tal-kapital kbir ħafna biex jiffinanzjaw in-negozju tagħhom u biex jużaw strumenti finanzjarji ġodda biex iħarsu rwieħhom kontra riskji finanzjarji differenti u biex itejbu l-amministrazzjoni tal-investimenti tagħhom.

# ĠRAJJIET IMPORTANTI



## 1952



Il-Komunità Ewropea għall-Faħam u l-Azzar (KEFA) titwaqqaf mill-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Olanda.

## 1958

Jidħlu fis-seħħ it-Trattati ta' Ruma; jitwaqqfu l-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (EURATOM).

## 1967

It-Trattat ta' Inkorporazzjoni jgħaqqad it-tliet Komunitajiet eżistenti (KEFA, KEE, EURATOM).

## 1970



Jiġi ppreżentat ir-Rapport Werner, l-ewwel "pjan dettaljat" għal unjoni monetarja.

## 1973

Id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit jingħaqdu mal-Komunitajiet Ewropej (KE).

## 1979

Twaqqif tas-Sistema Monetarja Ewropea (SME).

## 1981



Il-Greċja tingħaqad mal-Komunitajiet Ewropej.

## 1986

Spanja u l-Portugall jingħaqdu mal-KE.

## 1987



Jidħol fis-seħħ l-Att Uniku Ewropew, u dan iwitti t-triq għas-suq uniku.

## 1989



Il-Kumitat Delors jippreżenta rapport dwar Unjoni Ekonomika u Monetarja.

## 1990
Bidu tal-Ewwel Stadju tal-UEM.

## 1993
Jidħol fis-seħħ it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Trattat ta' Maastricht).

## 1994



Bidu tat-Tieni Stadju tal-UEM. L-Istitut Monetarju Ewropew (IME) jitwaqqaf fi Frankfurt am Main.

## 1995
L-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja jingħaqdu mal-UE.

## 1998
L-IME jiġi xolt; jitwaqqaf il-Bank Ċentrali Ewropew fi Frankfurt am Main.

## 1999



Bidu tat-Tielet Stadju tal-UEM bi 11-il pajjiż parteċipant; l-introduzzjoni tal-euro bħala munita unika.

Jidhol fis-seħħ it-Trattat dwar L-Unjoni Ewropea kif Emendat (Trattat ta' Amsterdam).

## 2001
Il-Greċja tingħaqad bħala t-tnax-il pajjiż taż-żona tal-euro.

## 2002
Jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni l-karti u l-muniti tal-euro.

## 2003
Jidhol fis-seħħ it-Trattat dwar L-Unjoni Ewropea (Trattat ta' Nizza).

## 2004


Għaxar pajjiżi oħra jingħaqdu mal-UE fl-1 ta' Mejju.

## 2007
L-UE tiżdied għal 27 membru bis-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija. Is-Slovenja tissieħeb maż-żona tal-euro. F'Diċembru jiġi ffirmat it-Trattat ta' Lisbona.

## 2008
Ċipru u Malta jissieħbu maż-żona tal-euro, li issa għandha 15-il membru.

## 2009
Is-Slovakja tissieħeb maż-żona tal-euro.

## 2011
L-Estonja tissieħeb maż-żona tal-euro

# STRUTTURA U DMIRIJIET





## 2.1 SISTEMA EWROPEA TA’ BANEK ĊENTRALI U L-EUROSISTEMA

Is-**Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali (SEBĊ)** twaqqfet skond it-Trattat ta’ Maastricht u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali u dak tal-**Bank Ċentrali Ewropew**. Din tħaddan fiha l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) tal-Istati Membri kollha tal-UE.

L-**Eurosistema** hi magħmula mill-BĊE u mill-BĊN tal-Istati Membri tal-UE li adottaw l-euro (li bħalissa huma 17).

Il-korpi deċiżjonali tal-BĊE huma l-**Kunsill Governattiv** u l-**Bord Esekuttiv**. Id-deċiżjonijiet tal-BĊE dwar il-politika monetarja jittieħdu mill-Kunsill Governattiv. Il-Bord Esekuttiv jimplimenta d-deċiżjonijiet u hu responsabbli għall-amministrazzjoni ordinarja tal-BĊE. It-tielet korp tal-BĊE li jieħu d-deċiżjonijiet hu l-**Kunsill Ġenerali**, li se jibqa’ jeżisti sakemm jibqa’ Stati Membri li ma jkunux adottaw l-euro bħala l-munita tagħhom.

## 2.2 BANK ĊENTRALI EWROPEW

**Il-BĊE hu organizzazzjoni sovra-nazzjonali**

Il-BĊE twaqqaf f’Ġunju tal-1998 fi Frankfurt am Main, u ħa x-xogħol li kien jagħmel il-predeċessur tiegħu, l-Istitut Monetarju Ewropew (IME). Hu istituzzjoni sovra-nazzjonali bil-personalità legali tiegħu. Il-BĊE hu bbażat fi tliet blokki bini fil-qalba ta' Frankfurt, iżda fl-2014 se jmur fil-kwartieri l-ġodda tiegħu li bħalissa qed jinbnew fil-lvant tal-belt.

L-istaff tal-BĊE hu tabilħaqq Ewropew; il-membri ġejjin minn kull wieħed mis-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea.

ara l-Glossarju

1 It-triq li twassal għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja

2 Struttura u dmirijiet
2.1 Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Eurosistema
2.2 Bank Ċentrali Ewropew
2.3 Dmirijiet tal-Eurosistema
2.4 Indipendenza
2.5 Banek ċentrali nazzjonali
2.6 Korpi deċiżjonali tal-BĊE
2.7 Kumitati tas-SEBĊ

3 Politika monetarja

4 IS-SISTEMA TARGET2

5 Karti tal-flus u muniti tal-euro

6 Sorveljanza bankarja



## 2.3 DMIRIJIET TAL-EUROSISTEMA

L-Eurosistema għandha 4 dmirijiet ewlenin. L-ewwel dmir hu li twettaq il-politika monetarja adottata mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE – jiġifieri, deċiżjonijiet dwar ir-rati ewlenin tal-imgħax tal-BĊE (ir-**rata minima tal-offerti** fuq l-**operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament** kif ukoll ir-rati ta' mgħax fuq il-**faċilità tas-self marġinali** u fuq il-**faċilità tad-depożitu** u, fejn xieraq, deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-għanijiet monetarji u l-provvista tar-riżervi). Il-Bord Esekuttiv hu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja, responsabbiltà li jeżerċita billi jagħti struzzjonijiet lill-BĊN. Per eżempju, il-Bord Esekuttiv jiddeċiedi darba fil-ġimgħa dwar l-allokazzjoni ta' likwidità lis-settur bankarju permezz tal-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament.

Il-Kunsill Governattiv jiddeċiedi dwar rati ta' mgħax ewlenin

It-tieni u t-tielet dmir tal-Eurosistema huma li twettaq **operazzjonijiet ta' kambju** u li żżomm u tamministra r-riżervi uffiċjali tal-pajjiżi taż-żona tal-euro.

Il-BĊN tal-Eurosistema ittrasferew l-assi tar-iżervi barranin tagħhom lill-BĊE li jammontaw għal xi €40 biljun (85% f'munita barranija u 15% f'deheb). Bi tpattija, l-BĊN irċevew **krediti bl-imgħax** kontra l-BĊE, li huma denominati f'euro. Il-BĊN tal-Eurosistema għandhom sehem fl-amministrazzjoni tar-riżervi barranin tal-BĊE: huma jaġixxu bħala aġenti għall-BĊE, skond il-linji gwida tal-amministrazzjoni tal-portafoll stabbiliti mill-BĊE. Il-bqija tal-assi f'riżervi barranin tal-Eurosistema huma proprjetà tal-BĊN u huma amministrati minnhom. Transazzjonijiet f'dawk l-assi ta' riżervi huma regolati mill-Eurosistema. B'mod partikolari, transazzjonijiet li jaqbżu ċerti limiti jeħtieġu l-approvazzjoni tal-BĊE qabel ma jitwettqu.

Assi ta' riżervi barranin miżmuma mill-BĊE u l-BĊN

Ir-raba' dmir ewlieni tal-Eurosistema hu l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel tas-sistemi tal-pagamenti. Barra dan, l-Eurosistema tikkontribwixxi għat-twettiq tas-sorveljanza finanzjarja: din tagħti pariri lill-leġiżlaturi fil-qasam tal-kompetenza tagħha u tiġbor statistika monetarja u finanzjarja.

It-Trattat ta' Maastricht jispeċifika wkoll li l-BĊE għandu d-dritt esklussiv biex jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro.

# STRUTTURA U DMIRIJIET





## 2.4 INDIPENDENZA

Meta jwettqu dmirijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Eurosistema, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali m'għandhomx jitolbu jew jieħdu struzzjonijiet mingħand istituzzjonijiet jew korpi Komunitarji, mingħand kwalunkwe gvern ta' pajjiż tal-UE jew mingħand kwalunkwe korp ieħor. Bl-istess mod, l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u l-gvernijiet tal-Istati Membri m'għandhomx jippruvaw jinfluwenzaw lill-membri tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE jew tal-BĊN fit-twettiq ta' dmirijiethom.

**Indipendenza personali**

L-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprovdu bażi legali biex il-gvernaturi tal-BĊN u l-membri tal-**Bord Esekuttiv** jibqgħu fil-kariga kif ġej:

- perijodu minimu tal-mandat għall-gvernaturi tal-BĊN ta' ħames snin;
- perijodu ta' mandat li ma jiġġeddidx ta' tmien snin għall-membri tal-Bord Esekuttiv tal-BĊE;
- tneħħija mill-kariga tal-Membri tal-Bord Esekuttiv fil-każ biss ta' inkapaċità jew ta' mġieba ħażina serja; f'dan il-każ il-**Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej** hi kompetenti biex tiddeċiedi dwar kwalunkwe tilwima.

**Indipendenza funzjonali**

L-Eurosistema hi wkoll indipendenti fl-operat tagħha. Il-BĊE u l-BĊN għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-istrumenti u l-kompetenzi kollha meħtieġa biex iwettqu politika monetarja effiċjenti u huma awtorizzati li jiddeċiedu b'mod awtonomu kif u meta jużawhom.

L-Eurosistema ma tistax tagħti self lill-korpi Komunitarji jew lil entitajiet tas-settur pubbliku nazzjonali, u dan isaħħaħ l-indipendenza tagħha billi jħarisha minn kwalunkwe influwenza min-naħa ta' awtoritajiet pubbliċi. Barra dan, il-**Kunsill Governattiv** tal-BĊE għandu d-dritt li jadotta regolamenti li jorbtu biex iwettaq id-dmirijiet tas-SEBĊ kif ukoll f'ċerti każi oħra, kif stabbilit f'atti speċifiċi tal-**Kunsill tal-UE**.

ara l-Glossarju


Nationale Bank van België / Banque Nationale de Belgique


Deutsche Bundesbank


Eesti Pank

# 2.


Bank Ċentrali tal-Irlanda / Banc Ceannais na hÉireann


Bank of Greece


Banco de España


Banque de France


Banca d'Italia


Central Bank of Cyprus


Banque centrale du Luxembourg


Bank Ċentrali ta' Malta / Central Bank of Malta


De Nederlandsche Bank


Oesterreichische Nationalbank


Banco de Portugal


Banka Slovenije


Národná banka Slovenska


Suomen Pankki / Finlands Bank

# STRUTTURA U DMIRIJIET





## 2.5 BANEK ĊENTRALI NAZZJONALI

Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom personalità legali (skond il-liġi tal-pajjiżi rispettivi tagħhom) li hi separata minn dik tal-BĊE. Fl-istess ħin, huma parti integrali tal-Eurosistema, li hi responsabbli għall-**istabbiltà tal-prezzijiet** fiż-żona tal-euro; huma joperaw skond il-linji gwida u l-istruzzjonijiet tal-BĊE fit-twettiq tad-dmirijiet tal-Eurosistema.

Il-BĊN iwettqu operazzjonijiet ta' politika monetarja

Il-BĊN huma involuti fit-twettiq tal-politika monetarja unika taż-żona tal-euro. Huma jwettqu l-operazzjonijiet tal-politika monetarja; per eżempju, jipprovdu flus tal-banek ċentrali lill-**istituzzjonijiet ta' kreditu** u jiżguraw ir-regolament ta' pagamenti bla flus kontanti fil-qasam domestiku u transkonfini. Barra dan, jagħmlu operazzjonijiet ta' amministrazzjoni ta' riżervi barranin f'isimhom u bħala aġenti għall-BĊE.

Il-BĊN huma responsabbli wkoll b'mod wiesa' biex jiġbru dejta nazzjonali statistika u biex joħorġu u jimmaniġġaw karti tal-flus tal-euro fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Il-BĊN iwettqu wkoll funzjonijiet barra mill-Iskop tal-Istatut, sakemm il-Kunsill Governattiv ma jqishomx inkompatibbli mal-għanijiet u d-dmirijiet tal-Eurosistema.

Skond il-liġijiet nazzjonali, il-BĊN jistgħu jingħataw funzjonijiet oħra li m'għandhomx x'jaqsmu ma' funzjonijiet ta' politika monetarja: xi BĊN huma involuti f'sorveljanza bankarja u/jew jaġixxu bħala l-bankier ewlieni tal-gvern.

## 2.6 KORPI DEĊIŻJONALI TAL-BĊE

Il-Kunsill Governattiv jiltaqa' l-Ħamis, darbtejn fix-xahar

Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE hu magħmul mill-membri tal-Bord Esekuttiv tal-BĊE u l-gvernaturi tal-BĊN tal-pajjiżi taż-żona tal-euro. L-Istatut tas-SEBĊ jiddikjara li l-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jiltaqa' għall-inqas għaxar darbiet fis-sena. Id-dati tal-laqgħat tiegħu jiġu deċiżi mill-Kunsill Governattiv innifsu abbażi ta' proposta tal-Bord Esekuttiv. Il-laqgħat jistgħu jsiru wkoll permezz ta' telekonferenza, sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni minn tal-inqas tliet gvernaturi. Bħalissa l-Kunsill Governattiv jiltaqa' darbtejn fix-xahar, normalment l-ewwel u t-

ara l-Glossarju



tielet Ħamis ta' kull xahar. Is-soltu kwistjonijiet ta' politika monetarja biss jiġu diskussi fl-ewwel laqgħa tax-xahar.

Il-President tal-**Kunsill tal-UE** u membru tal-**Kummissjoni Ewropea** jistgħu jattendu l-laqgħat, għalkemm il-membri tal-Kunsill Governattiv biss għandhom id-dritt tal-vot. Kull membru tal-**Kunsill Governattiv** għandu vot wieħed u, minbarra deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet finanzjarji tal-BĊE, il-Kunsill Governattiv jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza sempliċi. Jekk il-voti favur u kontra jkunu ndaqs, il-President għandu l-vot deċiżiv. Dwar kwistjonijiet finanzjarji – per eżempju, is-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE, it-trasferiment ta' riżervi barranin, jew it-tqassim ta' dħul monetarju – il-voti huma ppeżati skond l-ishma tal-BĊN fil-kapital sottoskritt tal-BĊE.

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE jagħtu s-setgħa lill-Kunsill Governattiv biex jieħu l-iżjed deċiżjonijiet strateġikament sinifikanti għall-**Eurosistema**.

Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-Kunsill Governattiv huma:

- li jfassal il-politika monetarja taż-żona tal-euro; jiġifieri, jieħu deċiżjonijiet dwar il-livell tar-rati ewlenin tal-imgħax tal-BĊE;
- li jadotta l-linji gwida u li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex jiżgura t-twettiq tad-dmirijiet tal-Eurosistema.

**Fokus fuq iż-żona tal-euro**

Meta jieħu deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja u dmirijiet oħra ta' l-Eurosistema, il-Kunsill Governattiv iqis l-iżviluppi fiż-żona ta' l-euro fl-intier tagħha.

**Il-Bord Esekuttiv jiltaqa' kull nhar ta' Tlieta**

Il-**Bord Esekuttiv** hu magħmul mill-President u l-Viċi President tal-BĊE u erba' membri oħra. Dawn jinħatru minn fost persuni ta' pożizzjoni rikonoxxuta u ta' esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji u bankarji, bil-qbil tal-gvernijiet kollha taż-żona tal-euro fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat jew Gvern, fuq rakkomandazzjoni mill-**Kunsill tal-UE** wara li dan ikun ikkonsulta l-**Parlament Ewropew** u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE. Il-Bord Esekuttiv normalment jiltaqa' kull nhar ta' Tlieta.

# STRUTTURA U DMIRIJIET





Il-President tal-BĊE jew, fl-assenza tiegħu, il-Viċi President, jippresjedi l-laqgħat tal-Kunsill Governattiv, tal-Bord Esekuttiv u tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE. Il-President jiġi mistieden għall-laqgħat tal-**Eurogroup**, il-grupp informali tal-ministri tal-ekonomija u tal-finanzi taż-żona tal-euro, u jista' jieħu sehem fil-laqgħat tal-Kunsill tal-UE dwar suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-għanijiet u d-dmirijiet tal-Eurosistema.

Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-Bord Esekuttiv huma:

- li jħejji l-laqgħat tal-Kunsill Governattiv;
- li jimplimenta l-politika monetarja fiż-żona tal-euro skond il-linji gwida u d-deċiżjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Governattiv u, b'hekk, jagħti struzzjonijiet lill-BĊN;
- li jamministra x-xogħol ta' kuljum tal-BĊE;
- li jeżerċita ċerti setgħat, inklużi setgħat regolatorji, delegati lilu mill-Kunsill Governattiv.

**Il-Kunsill Ġenerali jiltaqa' erba' darbiet fis-sena**

Il-Kunsill Ġenerali hu magħmul mill-President u l-Viċi President tal-BĊE u mill-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kollha tal-UE. Il-membri l-oħra tal-Bord Esekuttiv, il-President tal-Kunsill tal-UE u membru tal-**Kummissjoni Ewropea** jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali iżda m'għandhomx id-dritt tal-vot. Laqgħat tal-Kunsill Ġenerali jistgħu jissejħu kull meta l-President jidhirlu li jkun meħtieġ jew fuq it-talba ta' mill-inqas tlieta mill-membri tiegħu. Il-Kunsill Ġenerali normalment jiltaqa' fi Frankfurt darba kull tliet xhur.

Il-Kunsill Ġenerali m'għandu ebda responsabbiltà għal deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja fiż-żona tal-euro. Hu ħa f'idejh id-dmirijiet li kienu tal-IME, jiġifieri dawk li l-BĊE għandu jwettaq fit-Tielet Stadju tal-UEM sakemm ikun hemm xi Stati Membri tal-UE li jkunu għadhom ma adottawx l-euro. Dan ifisser li għandu d-dmir elwieni li jirrapporta dwar il-progress lejn il-konverġenza min-naħa tal-Istati Membri tal-UE li għadhom m'adottawx l-euro, u li jagħti pariri dwar it-tħejjijiet meħtieġa biex jadottaw l-euro bħala l-munita tagħhom. Jagħti wkoll kontribut f'dak li jirrigwarda l-funzjonijiet konsultattivi tas-SEBĊ u jgħin biex tinġabar l-informazzjoni statistika.

---

ara l-Glossarju

## 2.7 KUMITATI TAS-SEBĊ

Il-korpi deċiżjonali tal-BĊE huma mgħejjuna mill-kumitati tas-SEBĊ. Dawn il-Kumitati huma importanti wkoll fejn tidħol il-kooperazzjoni fi ħdan is-SEBĊ innifisha. Il-Kumitati huma magħmula minn membri tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) tal-Eurosistema, kif ukoll minn membri ta' korpi oħra kompetenti, bħal ma huma l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza fil-każ tal-Kumitat għas-Sorveljanza Bankarja. Kull wieħed mill-BĊN tal-pajjiżi li m'humiex fiż-żona tal-euro ħatar esperti biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitati tas-SEBĊ kull meta xi Kumitat ikun qed jittratta kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill Ġenerali. Il-mandati tal-Kumitati huma stabbiliti mill-**Kunsill Governattiv**, il-korp li lilu jirrappurtaw il-Kumitati permezz tal-**Bord Esekuttiv**.

Bħalissa, il-Kumitati huma dawn: il-Kumitat għall-Kontabilità u Dħul Monetarju, il-Kumitat għas-Sorveljanza Bankarja, il-Kumitat għall-Karti tal-Flus, il-Kumitat għall-Metodoloġija tal-Kost, il-Kumitat għall-Komunikazzjoni Eurosistema/SEBĊ, il-Kumitat tal-Eurosistema għat-Tmexxija tat-TI, il-Kumitat għat-Tekonoloġija Informatika, il-Kumitat ta' l-Awdituri Interni, il-Kumitat għar-Relazzjonijiet Internazzjonali, il-Kumitat Legali, il-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq, il-Kumitat għall-Politika Monetarja, il-Kumitat għas-Sistemi ta' Ħlas u Pagamenti u l-Kumitat għall-Istatistika.

Fl-1998 il-Kunsill Governattiv waqqaf ukoll Kumitat għall-Baġit, kompost minn membri tal-BĊE u tal-BĊN tal-Eurosistema. Il-Kumitat għall-Baġit jassisti lill-Kunsill Governattiv fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-baġit tal-BĊE.

Fl-aħħarnett, fl-2005 ġiet stabbilita Konferenza tar-Riżorsi Umani, magħmula minn membri tas-SEBĊ. L-għan ta' din il-Konferenza hu li tħeġġeġ il-kooperazzjoni u l-għaqda fil-ħidma bejn il-banek ċentrali tal-Eurosistema/tas-SEBĊ fil-qasam tal-amministrazzjoni tar-riżorsi umani.



Kumitati ta' esperti jsostnu l-korpi deċiżjonali

# POLITIKA MONETARJA





## 3.1 STABBILTÀ TAL-PREZZIJIET

L-għan ewlieni tal-**Eurosistema** hu li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Bla ħsara għall-għan tal-**istabbiltà tal-prezzijiet**, l-Eurosistema għandha tappoġġa l-politika ekonomika ġenerali tal-Komunità Ewropea.

**L-istabbiltà tal-prezzijiet hi l-ogħla prijorità**

L-Artikolu 2 tat-**Trattat** dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li l-Unjoni Ewropea tixtieq tħeġġeġ "il-progress ekonomiku u soċjali u livell għoli ta' impjieg u li tikseb żvilupp bilanċjat u sostenibbli." L-Eurosistema tikkontribwixxi għal dawn l-għanijiet billi żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Barra dan, biex tikseb l-istabbiltà tal-prezzijiet, l-Eurosistema tqis dawn l-għanijiet. Fil-każ li jkun hemm konflitt bejn dawn l-għanijiet, il-BĊE dejjem għandu jagħti prijorità liż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet.

L-Eurosistema taġixxi skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq ħieles b'kompetizzjoni ħielsa, u li tiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi.

## 3.2 STRATEĠIJA TAL-POLITIKA MONETARJA TAL-BĊE

Biex jikseb l-istabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE għandu jinfluwenza l-kondizzjonijiet fis-suq monetarju, u b'hekk ukoll il-livell tar-rati tal-imgħax fuq żmien qasir.

Il-BĊE adotta strateġija li tiżgura l-użu ta' metodu konsistenti u sistematiku meta jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja. Il-konsistenza tgħin biex jiġu stabbilizzati l-aspettativi dwar l-**inflazzjoni** u biex tittejjeb il-kredibiltà tal-BĊE.

Id-definizzjoni kwantitattiva tal-**istabbiltà tal-prezzijiet** hu element ewlieni tal-istrateġija tal-politika monetarja tal-**Kunsill Governattiv** tal-BĊE: id-definizzjoni hi din: "żieda ta' sena fuq sena fl-**Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP)** għaż-żona tal-euro ta' inqas minn 2%". L-istabbiltà tal-prezzijiet trid tinżamm fuq żmien medju. Dan jirrifletti l-ħtieġa li l-politika monetarja tkun waħda li tħares 'il quddiem. Biex jikseb l-istabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE jara li jżomm ir-rati tal-inflazzjoni taħt iżda qrib it-2% fuq żmien medju. Dan jisħaq fuq l-obbligu tiegħu li jipprovdi marġni ta' sigurtà suffiċjenti bħala ħarsien kontra r-riskji tad-**deflazzjoni**.

---

ara l-Glossarju



3.

Minħabba li għad hemm dewmien sinifikanti fil-**mekkaniżmu ta' trasmissjoni** (ara t-taqsima li jmiss), jeħtieġ li l-politika monetarja tkun waħda li tħares 'il quddiem. Barra dan, il-politika monetarja għandha tankra l-aspettattivi tagħha dwar l-inflazzjoni biex tgħin ħalli tonqos il-volatilità fl-iżviluppi ekonomiċi.

**Politika monetarja li tħares 'il quddiem**

Flimkien mad-definizzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet, l-istrateġija tal-politika monetarja tinvolvi stima komprensiva tar-riskji għall-istabbiltà tal-prezzijiet li tikkonsisti f'analiżi ekonomika u analiżi monetarja. Qabel kull deċiżjoni dwar il-politika monetarja ssir verifika dettaljata tal-informazzjoni li tirriżulta miż-żewġ analiżijiet.

3.3

## STRUMENTI TAL-POLITIKA MONETARJA

Il-mekkaniżmu tat-trasmissjoni tal-politika monetarja jibda bl-amministrazzjoni tal-likwidità mill-bank ċentrali u bit-tmexxija tar-rati tal-imgħax fuq żmien qasir.

**Is-suq monetarju hu l-ewwel li jiġi affettwat**

Is-suq monetarju, bħala parti mis-suq finanzjarju, għandu rwol importanti ħafna f'dak li jirrigwarda t-trasmissjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja, minħabba li dan hu l-ewwel suq li jiġi affettwat minn tibdil fil-politika monetarja. Biex il-politika monetarja tkun effiċjenti, hu essenzjali li s-suq monetarju jkun sod u integrat, minħabba li b'hekk ikun hemm distribuzzjoni uniformi tal-likwidità tal-banek ċentrali kif ukoll livell ta' rati tal-imgħax fuq żmien qasir li jkun konsistenti fiż-żona kollha tal-munita unika. Din il-prekondizzjoni ġiet sodisfatta kważi fil-bidu nett tat-Tielet Stadju tal-UEM meta s-swieq nazzjonali tal-flus ġew integrati b'suċċess f'suq tal-flus effiċjenti taż-żona tal-euro.

Biex tmexxi r-rati tal-imgħax fuq żmien qasir, l-Eurosistema għandha għad-dispożizzjoni tagħha għadd ta' strumenti ta' politika monetarja, jiġifieri, operazzjonijiet ta' suq miftuħ, faċilitajiet permanenti u rekwiżiti tar-riżervi.






L-operazzjonijiet ta' suq miftuħ jistgħu jinqasmu:

- f'**operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament** ▤; dawn huma transazzjonijiet regolari li jipprovdu l-likwidità, li jsiru u jimmaturaw darba fil-ġimgħa;
- f'operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal; dawn huma transazzjonijiet li jipprovdu l-likwidità, li jsiru darba fix-xahar u jimmaturaw kull tliet xhur;
- f'operazzjonijiet ta' rfinar; dawn jistgħu jsiru fuq bażi ad hoc biex tiġi amministrata l-qagħda tal-likwidità fis-suq u biex jitmexxew ir-rati tal-imgħax. B'mod partikolari, dawn għandhom l-għan li jtaffu l-effetti mhux mistennija fuq ir-rati tal-imgħax minħabba żbilanċi fil-likwidità; u
- f'operazzjonijiet strutturali li jistgħu jitwettqu mill-Eurosistema permezz ta' transazzjonijiet irriversjati, transazzjonijiet assoluti u l-ħruġ ta' ċertifikati tad-dejn.

### Faċilitajiet permanenti

L-Eurosistema toffri wkoll żewġ faċilitajiet permanenti, li jistabbilixxu l-limiti għar-rati tal-imgħax tas-suq overnight billi tipprovdi u tassorbi l-likwidità:

- il-faċilità tas-self marġinali, li tippermetti lill-**istituzzjonijiet ta' kreditu** ▤ jakkwistaw il-likwidità overnight mill-banek ċentrali nazzjonali kontra assi eliġibbli; u
- il-**faċilità tad-depożitu** ▤, li tista' tintuża minn **istituzzjonijiet ta' kreditu** ▤ biex isiru d-depożiti overnight fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema.

### Rekwiżiti ta' riżervi minimi

Fl-aħħar, l-Eurosistema teħtieġ li l-**istituzzjonijiet ta' kreditu** ▤ jżommu riżervi minimi f'kontijiet fil-banek ċentrali nazzjonali. Kull **istituzzjoni ta' kreditu** ▤ għandha żżomm ċertu perċentwal ta' ftit mid-depożiti tal-klijenti tagħha (kif ukoll xi obbligazzjonijiet oħra tal-banek) f'kont ta' depożitu fil-bank ċentrali nazzjonali rilevanti bħala medja fuq perijodu ta' manteniment tar-riżervi ta' bejn wieħed u ieħor xahar. L-Eurosistema tħallas imgħax fuq żmien qasir fuq dawn il-kontijiet. L-għan tas-sistema tar-riżervi minimi hu li din tistabbilizza r-rati tal-imgħax tas-suq monetarju u li toħloq (jew tkabbar) deficit strutturali tal-likwidità fis-sistema bankarja.

▤ ara l-Glossarju




## 3.4 KOMUNIKAZZJONI

Komunikazzjoni esterna effiċjenti hi parti essenzjali mix-xogħol ta' bank ċentrali. Il-komunikazjoni żżid l-effikaċja u l-kredibilità tal-politika monetarja. Biex il-pubbliku jkun jista' jifhem aħjar il-politika monetarja u l-attivitajiet l-oħra ta' bank ċentrali, il-BĊE għandu jkun sinċier u trasparenti. Dan hu l-prinċipju ewlieni għall-Eurosistema f'dak li jirrigwarda l-komunikazzjoni esterna, liema prinċipju jinvolvi l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-BĊN.

Il-BĊE u l-BĊN jistgħu jużaw għodda differenti biex il-komunikazzjoni tagħhom tkun effettiva. L-iżjed importanti huma:

- konferenzi għall-istampa regolari wara l-ewwel laqgħa ta' kull xahar tal-Kunsill Governattiv;
- il-pubblikazzjoni ta' Bullettin ta' Kull Xahar li jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-iżviluppi ekonomiċi fiż-żona tal-euro, kif ukoll artikli li għandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet tal-BĊE;
- seduti pubbliċi tal-President tal-BĊE u ta' membri oħra tal-**Bord Esekuttiv** tal-BĊE fil-**Parlament Ewropew**;
- diskorsi u intervisti mogħtija minn membri tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE;
- stqarrijiet għall-istampa li jfissru d-deċiżjonijiet u l-opinjonijiet tal-Kunsill Governattiv;
- il-websajts tal-BĊE u tal-BĊN, li jagħtu aċċess għall-materjal kollu ppubblikat, inkluża ġabra kbira ta' dejta statistika;
- rapporti informali tax-xogħol;
- rapporti informali okkażjonali.



## 3.5 STATISTIKA MONETARJA U FINANZJARJA

Il-BĊE jikkompila u jippubblika statistika finanzjarja u monetarja b'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊN. Dan it-tagħrif statistiku jsostni l-politika monetarja taż-żona tal-euro u t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊE.

**Il-BĊE jikkompila l-aggregati għaż-żona tal-euro**

Il-BĊN (u, f' ċerti każijiet, xi awtoritajiet oħra nazzjonali) jiġbru d-dejta mingħand istituzzjonijiet finanzjarji u minn sorsi oħra fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u jikkalkolaw l-aggregati fil-livell nazzjonali, li huma mbagħad jibagħtu lill-BĊE. Il-BĊE mbagħad jikkumpila l-aggregati għaż-żona tal-euro.

Il-bażi ġuridika għall-iżvilupp, il-ġbir, il-kumpilazzjoni u x-xandir tal-istatistika mill-BĊE hi stabbilita fl-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u fl-Istatut tal-**Bank Ċentrali Ewropew** anness mat-Trattat. Waqt li jiżgura li r-rekwiżiti statistiċi tiegħu jiġu sodisfatti, il-BĊE jagħmel ħiltu biex kemm jista' jkun inaqqas il-piż li r-rappurtar statistiku jqiegħed fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji u fuq aġenti oħra li jagħmlu r-rapporti.



# 3.

Ir-responsabbiltà għall-istatistika fil-livell Ewropew tinqasam bejn il-BĊE u l-**Kummissjoni Ewropea** (permezz tal-Eurostat li hu l-Uffiċċju tal-Istatisika tal-Komunitajiet Ewropej). Il-BĊE hu primarjament jew konġuntament responsabbli għall-istatistika monetarja, l-istatistika dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji u s-swieq finanzjarji, l-istatistika esterna (inkluż il-bilanċ tal-pagamenti), għall-kontijiet finanzjarji u l-iżvilupp tal-kontijiet trimestrali mhux finanzjarji għas-setturi istituzzjonali (individwi, korporazzjonijiet u gvern). L-infrastruttura statistika (inkluż l-aġġustament staġjonali, it-tifsil ta' struttura għall-kwalità, u l-istandards għat-trasmissjoni tad-dejta) fil-livell Ewropew huma wkoll ir-responsabbiltà taż-żewġ istituzzjonijiet. Kull fejn hu possibbli, l-istatistika tas-SEBĊ tikkonforma mal-istandards internazzjonali.

# IS-SISTEMA TARGET2





Ħlas gross istantanju f'euro

## 4. IS-SISTEMA TARGET2

**It-TARGET2 (Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer)** 📄 issostitwiet l-ewwel ġenerazzjoni tas-sistema TARGET li bdiet tintuża f'Jannar 1999, meta ġie introdott l-euro.

Bħas-sistema ta' qabilha, it-TARGET2 tintuża għas-saldu tal-operazzjonijiet tal-bank ċentrali, għat-trasferimenti inter-bankarji ta' ammonti kbar f'euro kif ukoll għal pagamenti oħra f'euro. Din tipprovdi pproċessar f'ħin reali, saldu bil-flus tal-bank ċentrali u finalità immedjata. Madankollu, b'differenza mis-sistema ta' qabilha, fejn il-pagamenti kollha kienu jiġu pproċessati b'mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali, is-sistema l-ġdida tuża pjattaforma unika mingħajr l-intervent tal-banek ċentrali. Din il-pjattaforma tipprovdi servizz imtejjeb u armonizzat u, permezz tal-ekonomiji ta' skala kbira, tippermetti ħlas ta' drittijiet iżjed baxxi u nfiq iżjed effiċjenti. Ma hemm ebda limitu ta' valur massimu jew minimu għall-pagamenti bit-TARGET2.

---

📄 ara l-Glossarju

1 It-triq li twassal għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja
2 Struttura u dmirijiet
3 Politika monetarja
4 IS-SISTEMA TARGET2
5 Karti tal-flus u muniti tal-euro
6 Sorveljanza bankarja



# 4.

Meta jużaw it-TARGET2 għall-pagamenti kollha ta' ammonti kbar, b'mod partikolari dawk relatati ma' operazzjonijiet inter-bankarji, il-parteċipanti tas-suq jingħataw servizz mill-aqwa u jgħinu bil-kbir biex inaqqsu r-riskju sistemiku fl-UE kollha, jiġifieri r-riskju ta' "kontaġju" għal oqsma oħra minħabba l-għadd u l-valur għoli ta' operazzjonijiet bejn il-banek.

Żvilupp ieħor f'dan il-kuntest hu dak tat-tnedija, fl-2008, taż-Żona Unika ta' Pagamenti f'Euro (SEPA), fejn il-pagamenti kollha f'euro, mingħajr kontanti, jiġu ttrattati bħall-pagamenti domestiċi; id-differenza bejn pagamenti nazzjonali u dawk trans-konfini se tispiċċa. Flimkien mas-SEPA, it-TARGET2 se tittrasforma s-suq tal-pagamenti fiż-żona tal-euro għal wieħed iżjed dinamiku bi spejjeż iżjed effiċjenti.

# KARTI TAL-FLUS U MUNITI TAL-EURO





## 5.1 KARTI TAL-FLUS

Il-karti tal-flus tal-euro daħlu fiċ-ċirkolazzjoni fl-1 ta' Jannar 2002. Hemm seba' denominazzjonijiet: €5, €10, €20, €50, €100, €200 u €500. Iktar ma jkun għoli l-valur, ikbar tkun il-karta.

Fuq il-karti tal-flus hemm illustrazzjonijiet tal-istili arkitettoniċi ta' seba' perijodi tal-istorja kulturali tal-Ewropa – klassiku, Romanesk, Gotiku, Rinaxximent, barokk u rokokò, żmien l-arkitettura tal-ħadid u l-ħġieġ, u arkitettura moderna tas-seklu għoxrin – u juru tliet elementi arkitettoniċi ewlenin: twieqi, bibien u pontijiet. Ebda wieħed minn dawn id-disinji m'hu ta' bini jew ta' monumenti eżistenti.

It-twieqi u l-bibien fuq in-naħa ta' quddiem ta' kull karta tal-flus huma simbolu tal-ispirtu miftuħ u tal-kooperazzjoni fl-Ewropa. Fuq in-naħa ta' wara ta' kull karta tal-flus hemm disinn ta' pont. Dawn il-pontijiet huma użati bħala simbolu ta' komunikazzjoni bejn in-nazzjonijiet tal-Ewropa u bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja.

Għadd ta' karatterisitiċi tas-sigurtà, bħal ma huma xbieha li tidher kontra d-dawl, ologramma, fil tas-sigurtà u linka li tkanġi, ġew integrati fid-disinn tal-karti tal-flus, biex iħarsuhom mill-iffalsifikar u biex jgħinu lill-pubbliku jagħraf il-karti tal-flus ġenwini. Fid-disinn ġew integrati wkoll karatteristiċi speċjali, bħal p.e. stampar imqabbeż u ċifri kbar, biex jgħinu lill-għomja u lill-dawk li jaraw ftit biss.

Permezz ta' kontrolli stretti fuq il-kwalità jiġi żgurat li l-karti tal-flus kollha jkunu identiċi f'dak li jirrigwarda kwalità u dehra. Il-karti tal-flus m'għandhomx disinji nazzjonali individwali.

Bħalissa qed tiġi ppjanata serje ġdida ta' karti tal-flus tal-euro. Din se jkun fiha karatteristiċi tas-sigurtà ġodda, iżda l-aspetti l-oħra se jkunu l-istess bħal dawk tas-serje attwali: il-karti tal-flus se jkollhom l-istess denominazzjonijiet - minn €5 sa €500 - u se jkunu bbażati fuq id-disinji attwali, ħaġa li tgħin ħalli jingħarfu mill-ewwel bħala karti tal-flus tal-euro.



1 It-triq li twassal għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja

2 Struttura u dmirijiet

3 Politika monetarja

4 IS-SISTEMA TARGET2

5 Karti tal-flus u muniti tal-euro
5.1 Karti tal-flus
5.2 Muniti

6 Sorveljanza bankarja



## 5.2 MUNITI

L-euro hu maqsum f'100 ċenteżmu. Hemm tmien muniti tal-euro: taċ-ċenteżmu, taż-2 ċenteżmi, tal-5 ċenteżmi, tal-10 ċenteżmi u tal-50 ċenteżmu, u tal-€1 u ż-€2. Kull waħda għandha naħa "Ewropea" u naħa nazzjonali. Naturalment, il-muniti kollha tal-euro jistgħu jintużaw fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro, tkun xi tkun in-naħa nazzjonali tagħhom.

It-tmien muniti tal-euro jvarjaw fid-daqs, fil-piż, fil-materjal, fil-kulur u fil-ħxuna. Fihom ġew inkorporati wkoll xi ftit karatterisitiċi innovattivi oħra li jgħinu lill-utenti, b'mod partikolari lill-għomja u lill-dawk li jaraw ftit biss, biex jagħrfu d-denominazzjonijiet differenti. Per eżempju, kull munita konsekuttiva tas-serje għandha xifer differenti. Permezz ta' sistema dettaljata għall-kontroll tal-kwalità, jiġi żgurat li l-muniti tal-euro kollha jkunu kompatibbli f'kull parti taż-żona tal-euro u li jikkonformaw mal-istandards meħtieġa għall-użu tagħhom f'magni tal-bejgħ awtomatiċi.

Il-muniti tal-euro b'valur ogħla (€1 u €2) jiġu manifatturati b'attenzjoni partikolari biex ikunu mħarsa mill-iffalsifikar. Kemm id-disinn sofistikat tagħhom b'żewġ kuluri, kif ukoll l-ittri mnaqqxa li hemm tul ix-xifer tal-muniti taż-€2, jagħmluha diffiċli li wieħed jiffalsifikahom.



# SORVELJANZA BANKARJA




## 6. SORVELJANZA BANKARJA

Ir-responsabbiltà diretta għas-sorveljanza bankarja u l-istabbiltà finanzjarja tibqa' f'idejn l-awtoritajiet kompetenti, iżda t-**Trattat** assenja lis-SEBĊ id-dmir li «tikkontribwixxi għat-tmexxija bla xkiel tal-politika segwita mill-awtoritajiet kompetenti fejn għandha x'taqsam is-sorveljanza prudenti tal-**istituzzjonijiet ta' kreditu** u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja".

Dan id-dmir jitwettaq fi tliet modi ewlenin.

**Sorveljanza tal-istabbiltà finanzjarja**

L-ewwel, is-SEBĊ tissorvelja u tivvaluta l-istabbiltà finanzjarja fil-livell taż-żona tal-euro/tal-UE. Din l-attività tikkomplementa u ssostni l-attività korrispondenti fil-livell nazzjonali, imwettqa mill-banek ċentrali nazzjonali u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza, biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.

ara l-Glossarju



6.

It-tieni, is-SEBĊ tagħti pariri dwar it-tifsil u r-reviżjoni tar-rekwiżiti regolatorji u tas-sorveljanza għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Ħafna minn dawn il-pariri jiġu pprovduti permezz tal-parteċipazzjoni tal-BĊE fil-korpi rilevanti varji ta' sorveljanza internazzjonali u Ewropej, bħal ma huma l-'Basel Committee on Banking Supervision', il-'European Banking Committee' u l-'Committee of European Banking Supervisors'.

It-tielet, il-BĊE jħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali u l-awtoriatjiet ta' sorveljanza f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet ta' interess komuni (per eżempju s-sorveljanza tas-sistemi ta' pagament, il-maniġġ ta' kriżijiet finanzjarji).

Dawn l-attivitajiet jitwettqu bl-għajnuna tal-Kumitat għas-Sorveljanza Bankarja (wieħed mill-kumitati tas-SEBĊ imsemmija fit-taqsima 2.7), f'liema kumitat jiltaqgħu esperti mill-banek ċentrali tal-UE u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza.

# GLOSSARJU

**Bank Ċentrali:** istituzzjoni li – permezz ta' att legali – ingħatat ir-responsabbiltà li tmexxi l-politika monetarja f'żona speċifika.

**Bank Ċentrali Ewropew (BĊE):** stabbilit fl-1 ta' Ġunju 1998 u bbażat fi Frankfurt am Main, il-BĊE flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro, jidentifika u jimplimenta l-politika monetarja tal-pajjiżi membri taż-żona tal-euro.

**Bord Esekuttiv:** wieħed mill-korpi deċiżjonali tal-BĊE. Dan hu magħmul mill-President u l-Viċi President tal-BĊE u erba' membri oħra maħtura bi qbil komuni fost il-kapijiet ta' Stat jew Gvern tal-pajjiżi li adottaw l-euro.

**Deflazzjoni:** proċess li bih il-livell ġenerali tal-prezzijiet jibqa' jitbaxxa tul perijodu ta' żmien sostnut.

**Deroga:** Skond l-Artiklu 122 tat-Trattat tal-KE, l-Istati Membri b'deroga huma dawk li qed iħejju biex jadottaw, iżda għadhom m'adottawx, l-euro. Dan l-istatus jirreferi għal tmien Stati Membri (l-Isvezja u seba' mill-Istati Membri l-ġodda): id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-introduzzjoni tal-euro bħala munita unika mhumiex applikabbli għalihom. Il-Każ tad-Danimarka u tar-Renju Unit hu differenti: dawn huma eżenti milli jipparteċipaw fit-tielet stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

**ECOFIN:** ara Kunsill tal-UE.

**ERM II:** ara l-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju II.

**Eurogroup:** grupp informali tal-ministri tal-ekonomija u tal-finanzi tal-pajjiżi taż-żona tal-euro. Il-ministri jiddiskutu kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltajiet komuni tagħhom fir-rigward tal-munita unika. Il-Kummissjoni Ewropea u l-BĊE jiġu mistiedna jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat. Normalment, l-'Europgroup' jiltaqa' immedjatament qabel il-laqgħa tal-ECOFIN.

**Eurosistema:** magħmula mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-pajjiżi li huma membri taż-żona tal-euro. Din tistabbilixxi u timplimenta l-politika monetarja taż-żona tal-euro.

**Faċilità permanenti:** faċilità ta' bank ċentrali li tkun disponibbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fuq l-inizjattiva tagħhom. L-Eurosistema toffri żewġ faċilitajiet permanenti, il-faċilità tas-self marġinali u l-faċilità tad-depożitu.

**Faċilità tad-depożitu:** faċilità permanenti ta' l-Eurosistema li tista' tintuża mill-kontropartijiet biex jagħmlu depożiti overnight f'BĊN, u li jiġu kkumpensati b'rata ta' mgħax speċifikata minn qabel.

**Faċilità tas-self marġinali:** faċilità permanenti ta' l-Eurosistema li tista' tintuża mill-kontropartijiet biex, kontra assi eliġibbli, jirċievu kreditu minn BĊN overnight, li jkun ikkumpensat b'rata ta' mgħax speċifikata minn qabel.

**Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP):** kejl tal-prezzijiet użat mill-Kunsill Governatti biex jikkalkula l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro. Dan jiġi kkalkulat u ppubblikat mill-Eurostat, l-Uffiċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej.

**Inflazzjoni:** żieda persistenti fil-livell ġenerali tal-prezzijiet, li twassal għal tnaqqis persistenti fil-poter tal-akkwist tal-flus. Din tiġi normalment imfissra bħala bidla fil-perċentwal annwali f'indiċi ta' prezzijiet għall-konsumatur, bħal ma hu l-HICP.

**Intermedjarju finanzjarju:** kumpanija jew istituzzjoni li sservi bħala medjatur bejn min jissellef u min jislef, per eżempju, billi tiġbor id-depożiti mingħand il-pubbliku u tagħti self lill-individwi u lill-kumpaniji.

**Istitut Monetarju Ewropew (IME):** korp Ewropew responsabbli għat-tħejjija tal-aħħar stadju tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan twaqqaf fl-1 ta' Jannar 1994 u ġie sostitwit mill-BĊE fl-1 ta' Ġunju 1998.

**Istituzzjoni ta' kreditu:** il-banek u l-banek tat-tifdil huma l-iżjed tipi komuni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Abbażi tal-Artikolu 1 (1) tad-Direttiva 2000/12/KE, istituzzjoni ta' kreditu hi «(i) intrapriża li xogħolha hu li tirċievi mingħand il-pubbliku depożiti jew fondi oħrajn li jistgħu jitħallsu lura, u li tagħti kreditu għall-kont tagħha; jew (ii) intrapriża jew persuna ġuridika oħra, li mhix dik imsemmija taħt (i), li toħroġ mezzi ta' pagamenti fil-forma ta' flus elettroniċi. It-terminu "flus elettroniċi" għandu jfisser valur monetarju, kif rappreżentat permezz ta' kreditu kontra dak li jkun ħarġu u li hu: (a) maħżun fuq tagħmir elettroniku; (b) maħruġ meta jkunu waslu l-fondi ta' ammont li m'għandux valur iżjed baxx mill-valur monetarju maħruġ; u (c) aċċettat bħala mezz ta' pagament minn intrapriżi li mhumiex dawk li jkunu ħarġuh.

**Komunità Ekonomika Ewropea (KEE):** stabbilita fl-1957 permezz tat-Trattat ta' Ruma, il-KEE kienet pass lejn l-integrazzjoni ekonomika, jiġifieri ċ-ċaqliq ħieles ta' persuni, prodotti, kapital u servizzi bejn l-Istati Membri tal-UE.

**Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA):** waħda mill-komunitajiet Ewropej, il-KEFA ġiet imwaqqfa f'Pariġi fl-1951, u stabbiliet suq komuni għall-faħam u l-azzar bejn is-sitt Stati Membri fundaturi (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Olanda).

**Kreditu bl-imgħax:** attiv finanzjarju li jintitola lill-propjetarju jirċievi pagamenti ta' mgħax mid-debitur li jkun ħarġu.

**Kriterji ta' konverġenza:** kull Stat Membru tal-UE jrid jissodisfa erba' kriterji qabel ma' jkun jista' jadotta l-euro: livell stabbli ta' prezzijiet, finanzi pubbliċi sodi (żbilanċ limitat fil-konfront tal-PDG u livell limitat ta' dejn fil-konfront tal-PDG), rata tal-kambju stabbli u rati tal-imgħax baxxi u stabbli fuq żmien twil.

**Kriterji ta' Kopenħagen (il-kriterji għall-adeżjoni):** il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu mal-UE għandhom jissodisfaw għadd ta' kriterji: kriterji politiċi (istituzzjonijiet stabbli li jiggarantixxu d-demokrazija, il-ħarsien tal-liġi, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett tal-minoranzi), il-kriterji ekonomiċi (suq ekonomiku li jiffunzjona), u l-inkorporazzjoni ta' l-acquis communautaire (il-liġijiet kollha tal-UE). Dawn kienu ġew stabbiliti mill-'Copenhagen European Council' f'Ġunju tal-1993 u ġew ikkonfermati permezz tal-'Madrid European Council' f'Diċembru 1995.

**Kumitat Delors:** f'Ġunju 1988 il-Kunsill Ewropew awtorizza kumitat ippresedut minn Jacques Delors, li kien il-President tal-Kummissjoni Ewropea ta' dak iż-żmien, biex jagħmel studju dwar u jipproponi stadji konkreti li jwasslu għall-Unjoni Ekonomika Monetarja. Il-kumitat kien kompost mill-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali ta' dik li kienet il-Komunità Ewropea (KE); Alexandre Lamfalussy, li kien il-Maniġer Ġenerali tal-'Bank for International Settlements' (BIS); Niels Thygesen, professur tal-ekonomija, mid-Danimarka; u Miguel Boyer, li kien il-President tal-'Banco Exterior de España'. Ir-Rapport Delors li rriżulta minn dan il-kumitat ippropona li l-unjoni ekonomika u monetarja għandha tinkiseb fi tliet stadji.

**Kummissjoni Ewropea:** waħda mill-ħames istituzzjonijiet Ewropej, il-Kummissjoni Ewropea twaqqfet fl-1967 biex taqdi lit-tliet Komunitajiet Ewropej. Din tħejji proposti għal liġijiet ġodda Ewropej, li mbagħad tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni tiżgura li d-deċiżjonijiet tal-UE jiġu implimentati sew u tissorvelja l-infiq tal-fondi tal-UE. Din tara wkoll li jiġu osservati t-trattati Ewropej u l-liġi Komunitarja. Bħala l-gwardjan tat-Trattati, u flimkien mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, din tiżgura li l-liġi li tapplika għall-Istati Membri kollha tal-UE tiġi implimentata kif suppost. Bħalissa, il-

Kummissjoni hi magħmula minn president u 26 kummissarju. Id-dipartimenti tagħha, imsejħa Direttorati Ġenerali, huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' politika komuni u għall-amministrazzjoni ġenerali f'oqsma speċifiċi. Din tirrappreżenta l-interess ġenerali tal-UE u hi indipendenti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tinħatar għal perijodu ta' ħames snin, iżda tista' tiġi xolta mill-Parlament.

**Kunsill Ewropew:** jagħti l-impetu meħtieġ lill-Unjoni Ewropea biex din tkun tista' tiżviluppa, u jistabbilixxi l-linji gwida għall-politika tagħha. Dan jiġbor flimkien il-kapijiet ta' Stat jew Gvern tal-Istati Membri u l-President tal-Kummissjoni Ewropea (ara wkoll Kunsill tal-UE).

**Kunsill Ġenerali:** wieħed mill-korpi deċiżjonali tal-BĊE. Dan hu magħmul mill-President u l-Viċi-President tal-BĊE u mill-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kollha tal-UE.

**Kunsill Governattiv:** l-ogħla korp deċiżjonali tal-BĊE. Dan hu magħmul mis-sitt membri tal-Bord Esekuttiv u mill-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li adottaw l-euro.

**Kunsill tal-UE (Kunsill tal-Ministri):** istituzzjoni tal-Komunità Ewropea magħmula minn rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, normalment il-ministri responsabbli għal dawk il-kwistjonijiet li jkunu qed jiġu ttrattati (għalhekk spiss imsejjaħ il-Kunsill tal-Ministri). Il-Kunsill tal-UE li jiltaqa' fil-livell tal-ministri tal-ekonomija u tal-finanzi spiss jissejjaħ il-Kunsill tal-ECOFIN. Barra dan, f'dak li jirrigwarda deċiżjonijiet ta' importanza partikolari, il-Kunsill tal-UE jiltaqa' fil-livell ta' kapijiet ta' Stat jew Gvern. Dan mhux il-Kunsill Ewropew, li wkoll jiġbor flimkien il-kapijiet ta' Stat jew Gvern iżda li jipprovdi lill-Unjoni bl-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha u jiddefinixxi l-linji gwida għall-politika ġenerali.

**Mekkaniżmu ta' trasmissjoni:** il-proċess li permezz tiegħu t-tibdil fir-rati tal-imgħax b'mezzi diversi jinfluwenza l-imġieba tal-aġenti ekonomiċi, l-attività ekonomika u eventwalment il-livell ġenerali tal-prezzijiet.

**Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II (ERM II):** l-istruttura għall-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi taż-żona tal-euro u dawk barra din iż-żona, fir-rigward tal-politika tar-rati tal-kambju. Is-sħubija fil-mekkaniżmu hi volontarja. Madankollu, l-Istati Membri li għandhom deroga huma mistennija li jissieħbu f'dan il-mekkaniżmu, u b'hekk jistabbilixxu parità ċentrali għall-munita tagħhom fil-konfront tal-euro kif ukoll marġni ta' ċaqliq madwar il-parità ċentrali. Il-marġni standard ta' ċaqliq hu ±15%. Fil-każ ta' dawk il-pajjiżi li għandhom livell għoli ta' konverġenza maż-żona tal-euro, jista' jsir ftehim fuq it-talba tal-Istati Membri kkonċernati li huma barra ż-żona tal-euro, biex il-marġni jkun iżgħar.

**Munita bażi:** kultant imsejħa wkoll "munita tal-banek ċentrali" jew il-"bażi monetarja". Din tikkonsisti f'karti tal-flus u muniti li mhumiex fil-kmamar tas-sigurtà tal-banek ċentrali flimkien ma' depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fis-sistema tal-banek ċentrali.

**Operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament:** operazzjonijiet regolari tas-suq ħieles imwettqa mill-Eurosistema biex is-sistema bankarja tiġi provduta bl-ammont xieraq ta' likwidità. Dawn isiru permezz ta' rkantijiet ta' kull ġimgħa li fihom il-banek jistgħu jagħmlu offerti għall-likwidità.

**Operazzjonijiet tal-kambju:** ix-xiri jew bejgħ ta' flus barranin. Fil-kuntest tal-Eurosistema, dan ifisser ix-xiri jew il-bejgħ ta' muniti oħra fil-konfront tal-euro.

**Paritajiet tal-poter tal-akkwist (PPPs):** il-Paritajiet tal-Poter tal-Akkwist (PPPs) huma r-rati tal-konverżjoni tal-munita li jġibu ndaqs il-poter tal-akkwist ta' muniti diversi billi jeliminaw id-differenzi fil-livell tal-prezzijiet bejn il-pajjiżi. Fil-forma l-iżjed sempliċi tagħhom, il-PPPs juru l-proporzjon tal-prezzijiet f'muniti nazzjonali tal-istess prodott jew servizz f'pajjiżi diversi.

**Parlament Ewropew:** din l-istituzzjoni Ewropea tikkonsisti f'736 rappreżentant, eletti direttament miċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE. Il-Parlament jaqsam is-setgħa leġiżlattiva mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri għandu s-setgħa li jadotta liġijiet Ewropej (direttivi, regolamenti eċċ.). Jista' jaċċetta, jemenda jew jiċħad il-kontenut tal-leġiżlazzjoni Ewropea.

**Prodott Domestiku Gross (PDG):** kejl tal-attività ekonomika. Il-PDG jirrappreżenta l-valur tal-prodotti u s-servizzi kollha ġġenerati f'ekonomija tul perijodu partikolari.

**Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (CJEC):** din l-istituzzjoni tiżgura li meta jiġu interpretati u applikati t-Trattati u l-atti legali stabbiliti mill-istituzzjonijiet Ewropej, tiġi osservata l-liġi.

**Rata tas-self marġinali:** rata ta' mgħax fuq il-faċilità tas-self marġinali tal-Eurosistema li l-banek jistgħu jużaw biex jirċievu kreditu overnight mingħand bank ċentrali nazzjonali fl-Eurosistema.

**Rata mimima tal-offerti:** ir-rata minima tal-offerti fl-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament. Din tiġi ffissata mill-Kunsill Governattiv, normalment fl-ewwel laqgħa ta' kull xahar.

**Rata tad-depożitu:** fl-istruttura operazzjonali tal-Eurosistema din hi r-rata tal-imgħax imħallsa fuq likwidità żejda li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jqiegħdu overnight f'kont ġo bank ċentrali nazzjonali fl-Eurosistema.

**Rati tal-imgħax fuq żmien itwal:** rati ta' mgħax jew redditi fuq assi finanzjarji bl-imgħax li jieħdu żmien relattivament twil biex jimmaturaw. Jiġri spiss li r-redditi fuq il-bonds tal-gvern b' maturità ta' 10 snin jiġu użati bħala punt ta' referenza għal rati ta' mgħax fuq żmien itwal.

**SEPA:** iż-Żona Unika ta' Pagamenti f'Euro (SEPA) hi żona fl-Ewropa fejn l-individwi, id-ditti u organizzazzjonijiet oħra jistgħu jagħmlu u jirċievu pagamenti f'euro, mhux f'kontanti, kemm fi ħdan il-pajjiżi kif ukoll trans-konfini, bl-istess kondizzjonijiet, drittijiet u obbligi bażiċi, ikunu fejn ikunu jinsabu. Is-SEPA taħdem bħala suq uniku ta' pagamenti domestiċi, u permezz ta' dan il-klijenti jistgħu jagħmlu pagamenti faċilment u bla ħafna spejjeż bħal meta jagħmlu pagamenti fil-belt fejn joqogħdu. L-inizjattiva tas-SEPA qed titmexxa mill-Kunsill Ewropew għall-Pagamenti li twaqqaf fl-2002. Dan hu l-korp deċiżjonali tal-industrija bankarja Ewropea li jieħu ħsieb il-koordinament.

**Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ):** tikkonsisti fil-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kollha tal-UE.

**Sistema Monetarja Ewropea (SME):** qabel ma ġie introdott l-euro, għadd ta' muniti tal-Istati Membri tal-UE ġew marbuta flimkien fis-SME, li kienet fis-seħħ mill-1979 sal-1999. Din kellha tliet komponenti ewlenin: l-ECU, li kien basket ta' muniti tal-Istati Membri; il-mekkaniżmu tar-rati tal-kambju u tal-intervenzjoni, li ta lil kull munita rata ta' kambju ċentrali marbuta mal-ECU (rata tal-kambju bilaterali), u l-mekkaniżmi tal-kreditu, li ppermettew lill-banek ċentrali jintervjenu meta r-rati tal-kambju bilaterali qabżu ċertu limitu. Fl-1 ta' Jannar 1999 is-SME ġiet sostitwita mill-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II.

**Stabbiltà tal-prezzijiet:** l-għan ewlieni tal-Eurosistema. Il-Kunsill Governattiv fisser l-istabbiltà tal-prezzijiet bħala żieda ta' sena fuq sena fil-prezzijiet għall-konsumatur (imkejla permezz tal-HICP) għaż-żona tal-euro li tkun taħt it-2%. Biex jikseb l-istabbiltà tal-prezzijiet, il-Kunsill Governattiv għandu l-għan li jżomm ir-rati tal-inflazzjoni taħt, iżda qrib, it-2% fuq żmien medju.

**Suq interbankarju tal-flus:** is-suq tas-self bejn il-banek fuq żmien qasir. Dan it-terminu normalment jiddeskrivi n-negozju ta' fondi b'maturità ta' bejn jum (mil-lum għal għada jew ukoll inqas minn jum wieħed) u sena.

# GLOSSARJU

**Suq tal-ishma:** is-suq tal-ishma f'kumpaniji li huma kkwotati fil-borża. L-ishma huma normalment ikkunsidrati bħala investiment iżjed riskjuż mill-bonds, minħabba li dawk li jinvestu fl-ishma jistgħu jkunu intitolati għal dividend mill-kumpaniji li jkunu qed joħorġu dawn l-ishma, waqt li dawk li jinvestu fil-bonds huma intitolati għal ħlas ta' mgħax li ma jiddependix mill-qligħ tal-kumpaniji.

**Suq tal-bonds:** il-kumpaniji u l-gvernijiet joħorġu bonds biex jiġbru l-kapital għall-investimenti tagħhom. Il-bonds huma titoli li jagħtu l-imgħax, jew b'rata tal-imgħax fissa jew b'rata varjabbli, u b'maturità ta' mill-inqas sena (mid-data tal-ħruġ). Huma l-bonds b'rati ta' mgħax fissi li jikkostitwixxu l-ikbar parti tas-suq tal-bonds.

**TARGET2:** Trans-European Automated Real-time Gross settlememt Express Transfer, hi sistema għall-euro, li tintuża għas-saldu ta' operazzjonijiet tal-banek ċentrali, trasferimenti interbankarji ta' ammonti kbar f'euro u pagamenti oħra bl-euro. It-TARGET2 tipprovdi saldu bil-flus tal-banek ċentrali u finalità immedjata. Hi disponibbli għat-transazzjonijiet kollha f'euro fi ħdan u bejn il-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro kif ukoll f'ħafna pajjiżi oħra tal-UE. It-TARGET2 issostitwiet l-ewwel ġenerazzjoni tas-sistema TARGET li bdiet tintuża f'Jannar 1999, meta ġie introdott l-euro.

**Trattat:** jirreferi għat-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea. It-Trattat oriġinali ġie ffirmat f'Ruma fil-25 ta' Marzu 1957 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1958. Dan waqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE), li hi issa l-Komunità Ewropea (KE), u hu spiss imsejjaħ it-"Trattat ta' Ruma".

**Trattat dwar l-Unjoni Ewropea:** (li spiss jissejjaħ it-Trattat ta' Maastricht) ġie ffirmat fis-7 ta' Frar 1992 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1993. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea emenda t-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea u waqqaf l-Unjoni Ewropea.

**Trattat ta' Amsterdam:** li ġie ffirmat f'Amsterdam fit-2 ta' Ottubru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1999 u t-Trattat ta' Nizza, li ġie ffirmat fis-26 ta' Frar 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003, emendaw kemm it-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea kif ukoll it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

**Trattat ta' Lisbona:** ġie ffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009. Dan jemenda kemm it-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea kif ukoll it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattat ta' Lisbona jissimplifika l-istruttura tal-UE li bħalissa tikkonsisti fi tliet "pilastri": il-Komunità, il-politika komuni u tas-sigurtà, u l-ġustizzja u l-affarijiet interni. Fit-Trattat il-ġdid, il-pilastri jispiċċaw u l-Komunità tiġi sostitwita mill-Unjoni, li se jkollha personalità legali. It-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea jibda jissejjaħ it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni.

**Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM):** il-proċess li jwassal lill-Istati Membri biex jarmonizzaw il-politika ekonomika u monetarja tagħhom u biex joħolqu munita unika. It-Trattat ta' Maastricht iddispona li l-UEM tintlaħaq fi tliet stadji: fl-ewwel stadju (1 ta' Lulju 1990 sal-31 ta' Diċembru 1993), l-Istati Membri stabbilew iċ-ċaqliq ħieles ta' kapital bejn it-territorji rispettivi tagħhom, b'koordinament iżjed mill-qrib mal-politika ekonomika u b'kooperazzjoni iżjed mill-qrib bejn il-banek ċentrali; it-tieni stadju (1 ta' Jannar 1994 sal-31 ta' Diċembru 1998) beda bil-ħolqien tal-Istitut Monetarju Ewropew, u kien iddedikat għat-tħejjijiet tekniċi meħtieġa biex tinħoloq il-munita unika, biex jiġu evitati żbilanċi eċċessivi, u biex tittejjeb il-konverġenza tal-politika ekonomika u monetarja tal-Istati Membri (biex jiġi żgurat li l-prezzijiet jibqgħu stabbli u l-finanzi pubbliċi jibqgħu sodi); u t-tielet stadju (mill-1 ta' Jannar 1999) beda bl-iffissar irrevokabbli tar-rati tal-kambju, bit-trasferiment tal-kompetenza tal-politika monetarja lill-BĊE u bl-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita unika.

© Il-Bank Ċentrali Ewropew, 2011

INDIRIZZ
Kaiserstrasse 29
60311 Frankfurt am Main, Germany

INDIRIZZ POSTALI
Postfach 16 03 19
60066 Frankfurt am Main, Germany

TELEFON
+ 49 69 1344 0

WEBSAJT
http://www.ecb.europa.eu

FAKS
+ 49 69 1344 6000

KUNĊETT U DISINN
Konzept Verlagsgesellschaft, Frankfurt am Main, Germany

RITRATTI
Claudio Hils
Martin Joppen
Martin Starl
Marcus Thelen
Andreas Varnhorn
Walter Vorjohann
Komunità Ewropea

STAMPAT MINN
Imprimerie Centrale s.a., Luxemburg

ISBN 978-92-899-0769-9 (onlajn)

MT